MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2004

Numru 32/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Silvio Valletta**
**Spettur Jesmond Borg**
v

**ALFRED SCICLUNA**
**BJORN GRIMA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **ALFRD SCICLUNA** ta' tlieta w tletin sena bin Maurice u Maria nee Bartolo, imwieled H'Attard nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Lulju 1970 u residenti 43, Katolonia Flats, Triq il-Brolli, B'Bugia, detentur tal-karta tal-identita numru 446170M u **BJORN GRIMA** ta' tmintax il-sena bin Vincent u Sina nee Spiteri, imwieled Pieta` nhar it-tnejn ta' Lulju 1985 u residenti Block 1, Flat 4, Triq

l-Ordinanza, Valletta, detentur tal-karta tal-identita` numru 344185M gew imressqa quddiemha akkuzati;

1. Talli nhar l-ghaxra ta' Jannar 2004 ghall-habta tas-siegha w kwart ta' wara nofsinhar fi Pjazza Antoine de Paule f'Rahal Gdid, bil-hsieb li jikkommettu delitt u cioe serq kkwalifikat bil-mezz, lok kif wkoll bil-valur li jiskorri l-elf lira maltin, ghad-dannu ta' NIcola Turban, ta' sebgha w sebghin sena minn Rahal Gdid, wrew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volunta taghhom;

2. Talli f'dawn il-Gzejjer, fl-istes data, lok, hin u cirkostanzi, voluntarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara hija ta' inqas minn hamsin lira maltin ghad-dannu ta' Nicola Turban;

3. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, irrendew rwiehhom recidivi wara li nstabu hatja b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Semghet l-ammissjoni tal-imputati kif registrata waqt l-esami li sarilhom skond l-artikolu 370 (4), 390 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta nhar t-tnax ta' Jannar 2004 u ghalhekk fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhix triq ohra salv li ssibhom hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghhom.

Semghet lil imputati jiddikjaraw li m'ghandhux oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita.

Il-Qorti wisset lill-istess imputati b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba taghhom u tathom ftit taz-zmien biex jekk iridu setghu jergghu lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni taghhom giet registrata fl-atti ta’ din il-kawza fl-istess seduta tat-tnax ta' Jannar 2004 u dana fil-prezenza tal-avukat difensur taghhom.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputati wiegbu li huma hatja din l-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi

legali ta' dik it-twegiba taghhom u tathom zmien xieraq biex jekk iridu jergghu lura minnha u kien wara li staqsiethom t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni taghhom.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputati, l-Qorti tiddikjara li qed issib liz-zewg imputati hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghhom.

In vista tal-ammissjoni tal-imputati il-Qorti hasset il-htiega li tinnomina dakinhar stess tat-tnax ta' Jannar 2004, Probation Officer sabiex thejji *pre sentencing inquiry report* dwar iz-zewg imputati u dan sabiex tali relazzjoni tghin lil gudikant jasal ghal liema hija l-piena idoneja f'dan il-kaz.

Illi **nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Jannar 2004 l-Ufficjal tal-Probation Miriam Sevasta ippresentat** iz-zewg relazzjonijiet taghha li gew mmarkati bhala dokumenti X u Z.

Illi fil-konfront tal-imputat **ALFRED SCICLUNA**, l-Ufficjal tal-Probation spjiegat li huwa ragel tal-familja li presentement jinsab f'perjodu difficili f'hajjtu. Illi l-qaghda finanzjarja tal-familja hija wahda prekarja w infatti hemm ammont ta' dejn li jrid jithallas. F'dan il-kaz hemm wkoll mara u zewg ulied li lkoll jiddependu minnu. Illi l-imsemmi Alfred Scicluna hu konxju tal-problemi kollha li qed tiffaccja l-familja tieghu aktar w aktar meta dan kollu gara minhabba nuqqas ta' responsabbilita minn naha tieghu. Illi l-imsemmi Alfred Scicluna ghandu problema kbira u cioe l-vizzju tal-loghob u ghalkemm hu konxju tal-problema li dan il-vizzju igib mieghu, hu ghadu ma tghallimx jikkontrolla lilu nnifsu fejn jidhol l-loghob.

Fil-konfront tral-imputat **BJORN GRIMA**, l-Ufficjal tal-Probation Miriam Sevasta stqarret li dan ghandu tmintax il-sena u jghix mat-tfajla tieghu fid-dar ta' nannitha fil-Hamrun u minn din t-tfajla ghandu tarbija ta' sena. Illi hija kienet diga segwitu bejn is-snin 2000 u 2002 peress li kien nghata ordni ta' probation ghal perjodu ta' sentejn mill-Qorti tal-Minorenni. Illi huwa bniedem illitterat u

sahansitra anke ismu jikteb bi problema. Illi Bjorn Grima **qatt** ma hadem f'hajjtu u dan wkoll ghandu l-vizzju tal-loghob li ilu fuqu tul dawn l-ahhar sentejn. Illi din il-problema wasslitu ghad-dejn li hu ghandu u dan id-dejn wasslu biex jaghmel l-attentat ta' serq li bih jinsab akkuzat.

Illi l-Qorti qisiet is-segwenti fatturi meta giet biex tapplika l-piena idoneja:

a. Is-suggeriment tal-Ufficjal tal-Probation li l-imputati ghandhom jinghataw sentenza fil-komunita b'supervizzjoni u bil-kundizzjoni li jattendu ghal *counselling* ghal vizzju tal-loghob;

b. L-ammissjoni bikrija taghhom u cioe fl-ewwel appuntament li nghata lilhom u b'hekk il-Qorti ma sofriet ebda telf ta' zmien;

c. Il-ko-operazzjoni tal-imputati matul l-proceduri u dan billi anke ghamlu tajjeb ghal hsara materjali sofferti mill-vittma Nicola Turban kif jirrizulta mir-ricevuta dokument Y esibita fl-atti fl-ammont ta' erbghin lira maltin;

d. **Fil-konfront tal-imputat BJORN GRIMA** l-eta tenera tieghu ta' tmintax il-sena u l-fedina penali tieghu li ghalkemm ma hiex netta, mhux daqstant reflettarja bi tlett *convictions* li jirrisalu ghal perjodu ta' bejn is-snin 2000 u 2003 meta kien instab hati t'attentat ta'serq u xi reati ohra kontra l-Ordinanza tat-Traffiku u talli rrifjuta li jaghti l-partikolaritajiet tieghu lil Ufficjal Pulliku;

e. **Fil-konfront tal-imputat ALFRED SCICLUNA** l-fedina penali tieghu ghandha diversi reati u *convictions* registrati fuqha u dan ghal perjodu ta' bejn is-sena 1991 u s-sena 2002 meta nstab hati ta' pussess ta' droga, reati kontra l-Ordinanza tat-Traffiku u xi kontravenzjonijiet ta' portata zghira, meta nghata *unconditional discharge*, ordnijiet ta' probation, multi u sentenza sospiza. Pero l-Qorti tissottolinea li l-istess Alfred Scicluna diga kiser dufrejh mal-ligi hdax il-darba.

Illi f'dan il-kaz, stante l-ammissjoni tal-imputati ghall-akkuza ta' recidiva, il-Qorti hija prekluza milli taghti piena karcerarja sospiza ai termini tal-artikolu 28A(7)(b) u dan

ghalkemm thoss li f'dawn ic-cirkostanzi kienet tkun l-piena idoneja.

In vista tas-suespost il-Qorti thoss li l-piena applikabbli fil-konfront taz-zewg imputati ghandha tkun differenti ghalkemm l-akkuzi moghtija fil-konfront taz-zewg imputati kienu l-istess.

**Illi ghalhekk l-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikoli 41(1)(a), 49, 50, 261(b)(e)(c), 263, 267, 269, 278, 279, 280 u 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li qed issib lill-imputati ALFRED SCICLUNA u BJORN GRIMA hatja tal-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront taghhom fuq ammissjoni taghhom stess u tiddecidi s-segwenti:**

**Fil-konfront tal-imputat BJORN GRIMA stante r-ragunijiet fuq imsemmija il-Qorti thoss li ghandha tpoggih taht ordni ta' probation ghal perjodu massimu permess mill-ligi u cioe ta' tlett [3] snin u bdan skond l-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta u ghal dan l-ghan qed tordna lid-Direttur tal-Probation Services sabiex jinnomina Ufficjal tal-Probation ai termini tal-artikolu 22 tal-istess Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Illi pero l-imputat BJORN GRIMA ghandu minnufih jindirizza l-problema li hu ghandu tal-vizzju tal-loghob u dan billi minnufih jibda programm mas-SEDQA u fin-nuqqas li jaghmel dan, jitqies li qed jikser l-ordni tal-probation.**

**L-Ufficjal tal-Probation nominat ghandu igib lil imputat probationer BJORN GRIMA quddiem din l-istess Qorti darba kull sitt xhur sabiex b'hekk il-Qorti ssegwi l-andament tieghu mill-vicin.**

**Fil-konfront tal-imputat ALFRED SCICLUNA il-Qorti ma thossx li ghandha taghti l-istess piena ghar-ragunijiet segwenti:**

**1. Li l-imputat huwa bniedem ta' certa eta u li diga deher il-Qorti diversi drabi w ingahtas**

**diversi cansijiet u ma tghallimx minn dawn ic-cansijiet moghtija lilu, tant li reggha jinsab quddiem il-Qorti;**
**2. In oltre, huwa diga nghata l-opportunita li jkun segwit minn Ufficjal tal-Probation fis-sena 1995 meta nghata ordni ta' probation ghal tlett snin u ma tghallimx minnha;**
**3. Illi l-attentat ta' serq sar fuq mara anzjana fir-residenza taghha.**

**B'hekk f'dawn ic-cirkostanzi il-Qorti thoss li l-piena idoneja hija dik ta' piena karcerarja effettiva peress li piena karcerarja sospiza ma tistax tinghata.**

**Ghaldaqstant il-Qorti wara li tiddikjara li ssib lil imputat ALFRED SCICLUNA hati tal-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront tieghu tikkundannah ghal piena karcerarja ta' tmintax [18] il-xahar.**

**Il-Qorti taghmel r-rakkomandazzjoni taghha lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin sabiex jaghti dik l-ghajnuna kollha mehtiega lil imputat ALFRED SCICLUNA sabiex jindirizza din il-problema akuta li huwa ghandu tal-vizzju tal-loghob.**

**Tordna wkoll li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Probation Services Limited sabiex jinnomina Ufficjal tal-Probation ghal imputat Bjorn Grima.**

**Finalment il-Qorti tordna li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------